




*EDWARD FITZGERALD*

# IR-RUBAJJAT TA' OMAR KHAJJAM

Translated into Maltese

By George Zammit

I

Stenbaħ! F'lembit il-lejl, kollu midmum
Bil-kwiekeb, bdiet tinħass qawwet il-jum;
U ma' miġjet ix-xemx, f'ingassa dawl
Is-saqaf tas-Sultan safa' maħkum.

II

Qabel ma' tneħħa tad-dalmiet l-għanqbut,
Bejn lejl u nhar, smajt leħen mill-ħanut:
"Qum, imla l-bieqja u ixrob, ja ħabib,
Qabel ma xorb il-ħajja jnin u jmut."

III

U hekk kif idden is-serduq, il-ħbieb
Għajtu ħdejn il-ħanut: "Iftaħ il-bieb!
Taf kemm ftit għandna żmien, qabel ma t-triq
Nagħmlu, li minnha, miġja ħadd ma sieb."

IV

Is-sena l-ġdida tqàjjem ix-xewqat
U r-ruħ tfittex il-ħemda tal-witat
Fejn, fuq ix-xitla, tbajjad Id Mosè*
U kliem il-Għerf mill-art, bħal krib, jingħad.

V

Għab saħansitra Iram, b'kemm kellu ġid,
U l-Bieqja b'Seba Ċrieki ta' Jamxid!
Għad fadal, iżda, ġnien fuq l-ilmijiet
U d-dielja tferraħ b'demmha 'l min irid.

*Warda msejħa hekk.

VI

Siket kliem David. Iżda "Nbid!" iħoll
Il-bulbul grieżmu: "Nbid! u aħmar, ukoll!"
Bl-ogħla Pehlevi jgħanni, sa ma l-ward
Jibdel wiċċu safrani fl-aħmar qroll.

VII

Ejj'imla l-bieqja; u fin-nar tar-rebbiegħa
Il-libsa bierda ta' kull sogħba armiha:
L-għasfur taż-żmien ma jtirx fit-tul: titlifx!
It-titjira ta' żmienek l-għasfur bdieha.

VIII

Ara l-gzuz ta' blanzuni li l-jum sab
U l-gzuz li tferrxu u għabu taħt it-trab:
Dan, l-ewwel xahar tas-sajf, li jgib il-ward
Jieħu 'l Jamxid u 'l Kajkobad bħas-sħab.

IX

Ejja max-xiħ Khajjam, u taħseb xejn
F'Kajkosru u Kajkobad li għabu t-tnejn.
Jokrob Hatim għall-aħħar ikla, u Zal
Flimkien ma' Rustum iħambaq għalxejn.

X

Ejja fejn jiġi, fuq ftit ħaxix mitfugħ,
Nara x-xagħri jinfired mill-miżrugħ:
Fejn ilsir u sultan ma jingħażlux,
U l-kbir, mhux għira jġiblek, iżda dmugħ.

XI

Hawnhekk, biżżejjed ħobża, taħt il-friegħi,
Żir mimli nbid, ktieb bl-għana, u inti miegħi
Tgħanni ma' ġenbi u bl-għana thenni l-beraħ:
U l-beraħ waħdu, wkoll il-Ġenna tiegħi!

XII

"Bla qawwa," igħidu wħud, "ħajtek m'hi xejn."
Oħrajn "Xi ġmiel, il-Ġenna ta' li ġej!"
Għożż dak li għandek, għax il-bqija ħolm;
Dak li mhux f'idek, ħallih jibqa' għaddej.



XIII

Hares ftit lejn il-warda, li l-imkejjen
Ta' kull fejn tkun bi ġmiel tbissimtha żżejjen.
Iżda, ħollilha l-ġmiemen ta' sbuħitha,
U ġidha u ġmielha taħt it-tajn ixxejjen.

XIV

It-tama, li l-bnedmin jaħilfu biha,
Issir irmied, jew toktor; jiddi fiha
Tlellix is-silġ: fuq wiċċ ix-xagħri mxennaq
Tbissimtha tleqq – iżda ma tleqqx ħlief siegħa.

XV

U l-qamħa mdiehba, kemm bnedmin ħażnuha,
U kemm mal-erba' rjieħ riedu jxerrduha,
Kollha fit-trab inħbew; u minn ġot-trab
Tfittixx taqlagħhom, għaliex kollha frugħa.

XVI

Ftakar li l-ħajja qisha l-eqdem dar
Li għandha żewġ bibien: il-lejl u n-nhar;
U li fiha sultan wara sultan
Saltan siegħa jew tnejn, u sieket mar.

XVII

U fejn hu ġid Jamxid, u fejn hu l-ġieħ?
Il-gremxula u l-iljun jimirħu fih.
U l-ħmar tax-xagħri jirfes ras Bahram
Rieqed għal dejjem fejn it-trab igħattih.

XVIII

Imkien ma jħammar wiċċ il-ward, daqs kemm
Fejn ta' xi sultan kbir xtered id-demm;
U l-ġjaċint, li bi ġmielu jhenni l-ġnien
Nibet fejn darba l-ġmiel sebbaħ u ntemm.

XIX

U l-ħaxix, li ħduritu qed iżżejjen
Xoffet ix-xmara u thenni dawn l-imkejjen,
Tirfsux – min jaf minn liema xoffa nibet
Qabel sbuħitu ġiet il-mewt ixxejjen?

XX

Imla, Maħbuba, l-bieqja: l-qtar feddej
Inissi dak li kien u dak li ġej;
Għada? Taħsibx; għax għada, nista' nkun
Ma' dawk l-eluf ta' snin li sfaw fix-xej'!

XXI

Kemm-il wieħed ħabbejna, u għożżejnieh,
U għex sigħatu, u għab fix-xejn bħal riħ!
Kull wieħed minnhom xorob, darba, tnejn,
Imb'għad mnejn ġie mar fittex il-mistrieħ.

XXII

Hawn, fejn darba theennew Hutna neqsin,
Illum nixorbu aħna, ferħanin,
Għax għada tridu nfittxu soddet l-art
Biex aħna wkoll nifirxu sodda – għal min?

XXIII

Mela nifirħu sakemm hemm is-sliem,
Qabel jerġa' jirbaħna t-trab ħakkiem:
It-trab għat-trab, u taħt it-trab, is-skiet
Bla nbid, bla għana, bla għannej – bla tmiem!

XXIV

Lil dawk illi għall-ġid tal-lum jirgħaw,
U 'l dawk li jridu t'għada l-ġid jaqraw,
Igħajjat mis-saqaf tad-dalmiet Mweżżin:
"Boloh! ġidkom mhux hemm, u anqas haw'!"

XXV

L-għorrief li tkellmu fuq iż-żewġ dinjiet,
U b'għerfhom ħawdu mħuħ u għaġġbu bliet,
Bħal boloh ġew imwarrba – kliemhom tar
U ħluqhom baqgħu misdudin bl-irmied.

XXVI

Ejja max-xiħ Khajjam; lil dawn l-uhud
Hallihom m'għerfhom; minn kemm hawn għidut
Haġa biss minnha – l-bqija m'hux ħlief qerq:
Warda li fetħet darba, għal dejjem tmut.



XXVII

Qaddis jew Mgħallem kemm-il darba żort
F'żgħużiti, sa' ma bl-għerf ta' kliemhom fort.
Iżda ma swieli xejn: minn dak il-bieb
Li kont dħalt minnu, ta' kull darba dort.

XXVIII

Żrajt magħhom żrigħ il-għerf, u ħdimt, għajjur
Biex miż-żerriegħa x-xitla togħla u tfur;
U minn dan kollu xejn ma ħsadt ħlief dan:
"Bħall-ilma ġejt, bħar-riħ irrid immur."

XXIX

Jiġi l-bniedem bla jaf għaliex, jew mnej',
Bħall-ilma li mal-ħalla jibqa' għaddej;
Minn hawn ikollu jgħib, irid jew le,
Bħal riħ fix-xagħri, bla ma jaf 'il fej'.

XXX

"Mnejn ġejt bla ridt, u għaliex?" ruħi staqsiet;
"U 'l fejn isuqni l-mewġ?" Wieġeb is-skiet.
Newwilli bieqja wara bieqja 'l hawn
Biex fl-inbid nidfen dan il-ħsieb qerried.

XXXI

Tlajt minn nofs l-art; is-Seba' Bieb għaddejt
Tas-Sema, u bil-ħażniet tal-għerf imtlejt.
Għad li ħallejt kemm-l għoqda mħawda, qatt
L-għoqda ta' risqna u mewtna ma ħallejt.

XXXII

Għax kien hemm Bieb ma jiftħu ebda muftieħ;
Għax kien hemm Star le tara minn ġo fih:
Smajt kliem fuqek u fuqi; mb'għad, da' l-kliem
Fuqek u fuqi, ntefa bħal musbieħ.

XXXIII

Staqsejt lill-art u 'l-baħar; iżda qam
Krib ta' niket għas-Sid u għal wild Adam.
Staqsejt is-Sema – Għalxejn. Rajt biss 'l għeliemu
Moħbi u mikxuf mill-kliem tad-Dawl u d-Dlam.

XXXIV

Hekk, xoffti ma' xoffet il-bieqja għaqqadt
Biex Bir il-Ħajja nsib, li ma sab ħadd.
Xofftha ma' xoffti pespset: "Sa kemm tgħix
Ixrob, għax meta tmut, ma tiġi qatt."

XXXV

Naħseb li l-bieqja li weġbitni, xi
Darba fl-imgħoddi kienet ħajja, u li
Daqet l-għasel tal-ħajja; u dik ix-xoffa
Min jaf kemm qalgħet bews, u bieset hi!

XXXVI

Għaliex fis-Suq rajt darba, fil-għaxija,
'l għammiel il-bwieqi jaħdem it-taflija;
U t-tafal, għad li lsienu mneħħi, qal
"Ħudni bil-ħlewwa, taħqarnix, ja ħija!"

XXXVII

Mel'imla l-bieqja. Bluha, taħseb fih
Iż-żmien li jaħarbilna qisu riħ:
Għada min raħ? Il-bieraħ miet u mar!
Għax taħseb fiħom, jekk illum sabiħ?

XXXVIII

Leħħa ta' berqa – l-bqija Xejn u Kruh;
Leħħa fuq Bir il-ħajja ħa' nduquh.
Il-kwiekeb nieżla, wil-karwan qed igħib
Fuq xfar ix-Xejn: għaġġlu, għax titilfuh!

XXXIX

U kemm se ndum niġġerra, bgħod u qrib,
U noħlom dak li qatt ma nista' nġib?
Aħjar għasir il-għenba, mit-tlellix
Ta' dak id-dawl li ma nistax insib.

XL

Int taf, Maħbuba, kemm, ġo din id-dar
Ili li ħadt b'għarusti Mara aħjar:
U minn soddti warrabt nixfet il-ħsieb
Biex ngħix sa mewti ma' tal-għenba l-qtar.



XLI

U għad li 'l fuq u 'l isfel naf inżid
U nnaqqas naf ukoll, kull meta rrid,
Qatt na fittixt li ngħarrex ħalli nsib
L-għeruq ħlief f'ħaġa waħda biss – fl-inbid!

XLII

Ftit ilu rajt, ħdejn il-ħanut, itir
U jieqaf Anġlu, li newwilli żir
U qalli nduq. Jien ħadtu u doqtu. Kien
Mimli ta' Wild id-Dielja bil-għasir!

XLIII

Bl-għasir ta' Wild id-Dielja, li f'kull żmien
Wera li l-għaref dejjem iblah kien;
Wera li l-ħolma ta' min ried iġib
Id-deheb miċ-ċomb, ma seħħet qatt imkien.

XLIV

Kif ma seħħetx il-ħolma ta' Maħmud
Sultan ta' qawwa, li l-għargħar misħut
Ta' biki u biża', mxejjen mid-daqqiet
Tax-Xafra Msaħħra, ra quddiemu jmut.

XLV

L-għorrief ħallihom; idħak bit-tħabrik
Ta' min jixtieq id-dell tax-Xejn jurik.
Fittex xi rokna qalb il-kotra, u hemm
Iddieħek b'dawk li riedu jidħku bik.

XLVI

Għax aħna, u ta' ma' dwarna, dellijiet
Mixjin bħal wirja msaħħra ta' xbihiet
Li x-xemx, bħal xemgħa, titfa' fuq liżar;
U x'baqa' minnhom, malli x-xemgħa ntfiet?

XLVII

U jekk l-inbid li tixrob, u x-xofftejn
Ta' min iħobbok igħibu – m'hemmx għalfejn
Titbikka – ftakar illi dak li int
U dak li għad trid tkun m'hu xejn ħlief xejn.

XLVIII

Sakemm il-warda tfewwaħ fuq ix-xfar
Tax-xmara, ma' Khajjam ixrob il-qtar
Tad-dielja – u meta l-Anġlu lejn xofftejk
Iġib qtar ieħor, ixrob, bla tisfar.

XLIX

Il-ħajja logħba. Dwal u dlamijiet
Ir-Riżq jilgħabhom magħna bħal biċċiet.
Ir-Riżq iressaq, joqtol, u qajl qajl
Joħodna wieħed wieħed f'Dar is-Skiet.

L

Boċċa mitfugħa, bla ma ssaqsi, nkiss
Tersaq lejn fejn gerbuha; u jekk hi tmiss
Il-likk, ma jkunx għax trid; u jaf għaliex
Il-Boċċa laqtet, min tefagħha biss.

LI

Is-seba', malli jikteb, jibqa' għaddej:
La jqanqlu l-għaref, anqas il-bikkej:
Hadd ma sab kif ireġġgħu lura. Hadd:
Minn dak li kiteb ma jitħassar xej'.

LII

U xejn la tgħolli ħarstek, għall-ħelsien,
Lejn il-Bieqja maqluba kollha lwien
Li aħna nsejħu Sema; għaliex hi wkoll
Titgerbeb kif nitgerb'u int u jien.

LIII

Mat-tajn tal-ewwel bniedem, ġie magħġun
Tajn l-aħħar bniedem, żrigħ l-aħħar maħżun.
Iva: mal-bidu tal-ħolqien, kien hemm
Dak li f'Għodwet ir-Reqqa jrid ikun.

LIV

Meta, mal-bidu tal-ħolqien, fis-Sema
Il-Leħen tal-Hallieq fid-Dlam instema',
U l-kwiekeb sabu mkienhom, f'dak it-trab
Li kellu darba jilqa' 'l ruħi, ntrema.



LV

Għerq minn ġo zokk id-dielja. Jiena rtbatt
Miegħu, u miegħu rrid nibqa'. Hadd
Ma jifridna, 'qas leħen id-Derwix
Li l-bieb li jiena ftaħt ma jiftħu qatt.

LVI

Sew jekk id-Dawl waħdani, bin is-Sewwa,
Imħabba jkebbes, jew joħloq għedewwa,
Aħjar, barra mill-Maqdes, leħħa minnu,
Milli titilfu darba għal dejjem ġewwa.

LVII

Inti, li t-triq, bil-ħofor żrajtli, mnejn
Jiena rrid ngħaddi ħalli nasal fejn
Għandi nasal; jekk naqa', sejjer qatt
Il-waqgħat tiegħi tniżżilhomli b'dejn?

LVIII

Int taf x'inhu trab il-bnedmin, għax fej'
Għamiltu, ħlaqt lil Eden u 'l l-qaddej
Ta' Wild id-Dlam. Għalkemm-il darba d-Dlam
Hakimna ġo dufrejh, maħfra, Mulej!

KTIEB IL-KUS

LIX

Isma'. Tar-Ramadan f'lejla dalmija,
Qabel ma l-qamar keċċa s-sawm u 'l l-bqija,
Sibt ruħi fil-ħanut t'għammiel il-qolol,
Li kienu mdawrin miegħi mija mija.

LX

U rajt li fosthom, b'għaġeb tiegħi kbir,
X'uħud, tal-Kelma kellhom it-tiswir.
U wieħed demmu xegħbu, u għajjat: "Kos,
Għammiel iż-Żir min hu, u min hu ż-Żir?"

LXI

U qabeż ieħor: "Tgħid għal xejn, f'dis-sura
Mit-tafal moħmi ruħi ġiet misrura



NAL LIBRARY OF

Biex jerġa' mbgħad l-Imgħallem li sawwarni
F'tafli ta' qabel ireġġagħni lura?"

LXII

U ieħor staqsa: "Liema sabi qatt
Kisser il-kus li lilu ferħ kien radd?
Min ħabb, u għamel bieqja, jista' jkun
Li f'telf ta' qilla l-bieqja reġa' ħatt?"

LXIII

U qabżet qolla, mb'għad, li kienet qiegħda
Minħabba l-kruha ta' suritha, mbiegħda:
"Tgħid jien ġejt kerha u mgħawġa, għaliex l-Imgħallem
Li tani surti kellu idu mriegħda?"

LXIV

U ieħor: "Smajt ukoll fuq Mgħallem kbir
Li fin-nar jixħet bieqja, qolla, żir,
Jekk ma joħorġux sewwa: Ma nemminx:
Hu twajjeb – minn dan kollu xejn ma jsir!"

LXV

"It-tafal tiegħi," tnieħed minnu fih
Żir ieħor, "daqs kemm somt, nixef sal-qiegħ.
Għalkekk ġibu l-għasir li kont ħabbejt,
W isquni sewwa, halli b'hekk nistrieħ!"

LXVI

Waqt kliem il-qolol, wieħed ra li tela'
Il-qamar felli. Spiċċa s-sawm. Għall-ħela
Kullħadd jinxteħet. Pespsu: "Isma' lil-sidna,
Xi jċaqċaq f'daru, mlebleb għal xi belgħa!"

... ... ... ... ... ... ... ...

LXVII

Bl-inbid farraġni meta nkun mixħut;
Fit-tmiem, bl-inbid aħsilni, meta mmut.
F'werqat id-dielja idfinni mgeżwet, fejn
Nibqa' taħt dell xi ġnien dejjem mimdud.



LXVIII

Biex, għad li trab fit-trab, jien nibqa' nfuħ
B'riħet l-inbid; u jgħaddu żgħar jew xjuħ
Minn qribi, għandhom jibqgħu maħkumin
Imqar jekk qatt ma ħasbu ħlief fir-ruħ.

LXIX

Eh! Minħabba l-allat li hekk ħabbejt
F'għajnejn in-nies kemm kelli ġid irmejt:
Minħabba fihom ismi f'bieqja dfint,
U kemm ġid kelli wara l-Għana ħlejt.

LXX

Kemm drabi xtaqt l-indiema! Iżda tkellimt
Bla ma x'inhi l-indiema sewwa fhimt,
Għaliex mal-miġja tar-rebbiegħa, nżajt
Minn kemm indiema biha kont tħażżimt.

LXXI

Ma ngħidx li għall-inbid ma kontx miġnun;
Għalih ħlejt ġiehi, fih ħlejt kull maħżun.
Iżda x'qatt jixtri min ibigħ l-inbid
Li tajjeb biss daqs nofsu jista' jkun?

LXXII

Żmien ir-rebbiegħa? Ġie bħal warda, u mar.
Żmien żgħużiti? Tifkira mfewħa sar;
Bħall-bulbul li, ma nafx għal fejn jew mnejn,
Saħħar il-ġnien bi ġmiel għanjietu – u tar!

LXXIII

Kieku stajna, Maħbuba, t-tnejn flimkien
Naħkmu kull m'hu, jew jista' jkun, jew kien,
Kif kollox konna nfarrku, biex nagħmluh
Sew sew kif ħlomnieh dejjem int u jien!

LXXIV

Qamar ta' qalbi, li għamiltni għani
Bi ġmielek, fis-smewwiet, qamar bajdani
Tiela'. Min jaf kemm drabi, f'dan il-ġnien
Għalija għad igħarrex – iżda le jarani!

LXXV

U meta inti, Saki, dan il-bur
Miżgħud bil-mistednin xi darba żżur,
U ssib ir-rokna fejn kont darba jien,
Battal il-bieqja – u biha 'l isfel, mur!

1.xii.1957
*Tamam Shud.*



# AN EARLY MALTESE WORD-LIST

By WILLIAM COWAN

THE earliest recorded examples of Maltese that I have been able to examine are those included by Megiser in his description of Malta of 1611.[1] Megiser is said to have visited Malta in 1588;[2] according to his account he published some of the forms he recorded there in his *Thesaurus Polyglottus* of 1603. I have not been able to investigate this latter work.

Megiser's list consists of 121 items recorded in transcription, each followed by a German gloss. Most are single words, but some consist of short phrases. The last 34 are the numbers from 1-20, the decades to 100, 100 to 500 by hundreds, and 1000. The material is difficult to subject to any sort of through going analysis. Megiser obviously did not know Maltese, the text is quite short, has almost no repetitions, and is much marred by misprints. In addition, his transcription appears to be rather ad hoc, designed to give only a rough approximation of the Maltese sound. Nevertheless, some information can be gotten from the list, and some speculations can be made. In the interests of providing scholars interested in Maltese with the material, and in the hope that it will further the study of the historical phonology of Maltese, I present the list of forms, along with Megiser's introduction.

The following arrangement has been used in listing the forms: First, the form as recorded by Megiser, followed by emendations where these seem indicated, and the German gloss. Next the modern Maltese equivalent, where known, in phonological transcription, equated with the form as it is in Classical Arabic in a standard transliteration, or a Romance form. The presentation of Classical Arabic as an equation rather than a derivation reflects my conviction that Maltese, as other dialects of Arabic, is not necessarily descended from Classical Arabic, but from a form of speech that was cognate with it. This is followed in many cases by comments on the forms, or glosses where the meaning of the Maltese differs from the meaning of the cognate Classical Arabic form. A number of obscure points remain unsolved; I hope that other investigators will be able to shed some light on them.

[1] Hieronymus Megiser, *Propugnaculum Europae*... (Cracow, 1611).
[2] C.L. Dessoulavy, Review of Sutcliffe *A grammar of the Maltese language*, *BSOAS* 8.1175-1188.